Xe
C
Co

Reli
Wit
C71
the
con
and
and
you
app
info
do t

# TALB TAL-AĦĦAR

**Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.**

**Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu, Omm Qaddisa t'Alla; la twarrabx minn quddiemek it-talb tagħna li nagħmlulek fi ħtiġijietna, u eħlisna dejjem minn kull tiġrib, O Verġni glorjuża u mbierka.**

Marija Immakulata, Medjatriċi tal-grazzji kollha
*(jew is-sejħa skont l-isem tal-praesidium)*
**Itlob għalina**

San Mikiel, San Gabrijel u San Rafel
**Itolbu għalina**

Setgħat tas-Sema, Leġjun tal-Anġli ta' Marija
**Itolbu għalina**

San Ġwann Battista **Itlob għalina**

San Pietru u San Pawl **Itolbu għalina**

**Mulej, nissel fina, li qegħdin inservu taħt l-istendard ta' Marija, dik il-milja ta' fidi fik u ta' tama fiha, li jistgħu jirbħu d-dinja.**

**Agħtina fidi ħajja, mixgħula bl-imħabba, li biha nkunu nistgħu ntemmu l-għemil kollu tagħna mħeġġin mill-imħabba safja lejk, u nagħrfu u naqdu dejjem lilek fil-proxxmu tagħna;**

**Fidi qawwija u sħiħa bħal blata, li biha qalbna tkun dejjem kwieta u soda qalb is-slaleb, it-tiġrib u t-twegħir tal-ħajja;**

**Fidi qalbenija li ġġagħalna nibdew u ntemmu mingħajr tixjir ta' biża' ħwejjeġ kbar għall-glorja tiegħek u għas-salvazzjoni tal-erwieħ;**

**Fidi li tkun kolonna tan-nar tal-Leġjun tagħna, li tmexxina 'l quddiem għalenija, li tkebbes kullimkien in-nirien tal-imħabba ta' Alla, li tagħti d-dawl lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, li tħeġġeġ lil dawk li huma berdin, li terġa' tagħti l-ħajja lill-mejtin fid-dnub, u li tmexxi l-passi tagħna fit-triq tal-paċi; sabiex, wara t-taqtigħa ta' din il-ħajja, il-Leġjun tagħna jista' jerġa' jingħaqad, bla ħadd ma jintilef, fis-Saltna tal-imħabba u tal-glorja tiegħek. Ammen.**

Jalla l-erwieħ tal-Leġjunarji mejtin tagħna u l-erwieħ tal-fidili kollha li għaddew minn din il-ħajja jaqilgħu mill-ħniena ta' Alla l-mistrieħ ta' dejjem. **Ammen.**

**Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.**


Nihil Obstat
die 26a Feb 1999
Jos Lupi

Imprimatur
Datum in Curia Archiep. Melit., Florianae
die 26ª Februarii 1999
+ Annetto Depasquale
Ep. tit. Araditan.
Vicarius Generalis

Print Right Ltd.






Print. Copy. Scan. Fax. Email. Cloud.

20 / 25 / 30 ppm (letter/A4)

Solutions and Apps

Cloud Connectivity

Mobile Connectivity

1200 x 2400 dpi

Standard OCR (Optical Character Recognition)

NFC Tap-to-Pair

Wi-Fi b/g/n (optional)




# LEĠJUN TA' MARIJA

## TALB TAL-BIDU

**Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.**

Ejja, Spirtu s-Santu, imla l-qlub tal-fidili tiegħek u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.

Ibgħat l-Ispirtu tiegħek u jinħalqu.
**U inti ġġedded wiċċ l-art.**

*Nitolbu*

Alla Missierna, xerred id-doni tal-Ispirtu Qaddis tiegħek fuq id-dinja. Inti bgħatt l-Ispirtu fuq il-Knisja tiegħek biex tibda xxandar l-Evanġelju: issa ħalli l-Ispirtu jkompli jaħdem fid-dinja permezz ta' dawk kollha li jemmnu. Bi Kristu Sidna. **Ammen.**

Mulej, iftaħli xufftejja.
**U fommi jxandar it-tifħir tiegħek.**

O Alla, ejja eħlisni.
**Mulej, fittex għinni.**

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, lill-Ispirtu s-Santu.
**kif kien mill-bidu, issa u dejjem,***
**u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.**

*Imbagħad jingħadu ħames posti rużarju bis-Sliem għalik, Sultana!*

Itlob għalina qaddisa Omm Alla.
**Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħdna Kristu.**

*Nitolbu*

O Alla li l-Iben il-Waħdieni tiegħek qalgħalna l-premju tal-ħajja ta' dejjem bil-ħajja, il-mewt u l-qawmien tiegħu, agħtina nitolbuk, li aħna u niftakru f'dawn il-misteri fir-rużarju mqaddes tal-Verġni Mqaddsa Marija, nimxu fuq kulma fihom, u naqilgħu kulma jwiegħdu. Bi Kristu Sidna. **Ammen.**

| | |
|---|---|
| Qalb ta' Ġesù l-iżjed Qaddisa | **Ħenn għalina** |
| Qalb bla tebgħa ta' Marija | **Itlob għalina** |
| San Ġużepp | **Itlob għalina** |
| San Ġwann l-Evanġelista | **Itlob għalina** |
| San Alwiġi-Marija de Montfort | **Itlob għalina** |

**Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.**

## CATENA LEGIONIS

***Antifona.* Min hija dik li tielgħa bħaż-żerniq, sabiħa donnha l-qamar, tiddi bħax-xemx, tal-biża' bħal eżerċtu lest għat-taqbida?**

Ruħi † tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-Ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
**għax hu xeħet għajnejh fuq**
**iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. ***
**Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel**
**isejjaħli ħienja.**

Għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;*
qaddis hu l-isem tiegħu.
**Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien***
**fuq dawk li jibżgħu minnu.**

Hu wera l-qawwa ta' driegħu,*
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
**Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,***
**u għolla liċ-ċkejknin.**

Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,*
u l-għonja bagħathom 'l barra b'xejn.

**Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu,***
**għax ftakar fil-ħniena tiegħu,**

Bħalma wiegħed lil missirijietna,*
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja lill-Missier, u lill-Iben,***
**u lill-Ispirtu s-Santu.**
kif kien mill-bidu, issa u dejjem,*
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

***Antifona.* Min hija dik li tielgħa bħaż-żerniq, sabiħa donnha l-qamar, tiddi bħax-xemx, tal-biża' bħal eżerċtu lest għat-taqbida?**

O Marija mnissla bla dnub.
**Itlob għalina li qed nirrikorru lejk.**

*Nitolbu*

Mulej Ġesù Kristu, Medjatur tagħna quddiem il-Missier, li l-Verġni Mqaddsa Ommok, għoġbok tagħmilha Ommna wkoll u Medjatriċi tagħna quddiemek, agħtina fil-ħniena tiegħek, li kull min jersaq għandek biex jitolbok il-grazzji, jithenna li jaqlagħhom kollha permezz tagħha. **Ammen.**


Print. Copy. Scan. Fax. Email. Cloud.

20 / 25 / 30 ppm (letter/A4)
Solutions and Apps
Cloud Connectivity
Mobile Connectivity
1200 x 2400 dpi
Standard OCR (Optical Character Recognition)
NFC Tap-to-Pair
Wi-Fi b/g/n (optional)

